

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000053/2013**

**lill-Kunsill**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Judith Sargentini, Ulrike Lunacek, Hélène Flautre, Raül Romeva i Rueda, Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Suġġett: Imblokk fir-reviżjoni tar-Regolament 1049/2001

F'Diċembru 2011, il-Parlament adotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari tiegħu dwar iż-żewġ proposti konġunti tal-Kummissjoni tal-2008 u l-2011 li jirrevedu r-Regolament 1049/2001, sabiex jiżgura aktar trasparenza fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE għaċ-ċittadini tal-UE.

Minn dakinhar, u minkejja n-negozjati u t-trilogi ma' tliet Presidenzi suċċessivi, ir-Regolament 1049/2001 jinsab imblukkat fil-Kunsill. Skont l-informazzjoni disponibbli, dan huwa minħabba n-nuqqas ta' rieda min-naħa tal-Kummissjoni li tipproċedi.

- Il-Kunsill x'jidentifika bħala l-ostakoli ewlenin għall-progress fir-reviżjoni?
- Il-Kunsill jista' jiċċara l-punti ewlenin tar-reviżjoni li jistgħu jiffurmaw parti minn pakkett ta' negozjati fl-ewwel qari?
- Il-Kunsill jaqbel li għandha tiġi ddeterminata bażi komuni bejn it-tliet istituzzjonijiet sabiex jiġi żgurat li r-Regolament 1049/2001 jiġi konkluż b'suċċess qabel it-tmiem ta' dan il-mandat?

Imressqa: 7.5.2013

Mgħoddija: 8.5.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 29.5.2013